



---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2022/2081(DEC)**

13.2.2023

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea  
għas-sena finanzjarja 2021, Taqsima III, il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi  
(2022/2081(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Pascal Canfin

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbi, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Huwa sodisfatt bl-implimentazzjoni ġenerali mill-Kummissjoni tal-intestaturi baġitarji għall-ambjent, l-azzjoni klimatika, is-saħħha pubblika u s-sikurezza alimentari fl-2021;
2. Huwa sodisfatt bil-ħidma mwettqa mill-ħames aġenziji deċentralizzati li jaqgħu fl-oqsma ta' responsabbiltà tiegħu, li jwettqu kompiti tekniċi, xjentifiċi jew maniġerjali li jgħinu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jfasslu u jimplimentaw politiki fl-oqsma tal-ambjent, l-azzjoni klimatika, is-saħħha pubblika u s-sikurezza alimentari, kif ukoll bil-mod kif jiġu implementati l-baġits ta' dawk l-aġenziji; jisħaq li minħabba l-iskala tal-isfidi attwali u li ġejjin, irid jiġi garantit finanzjament suffiċjenti u aktar riżorsi umani għall-aġenziji u d-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni ("DĠ") li jaħdmu fl-oqsma tal-ambjent, l-azzjoni klimatika, is-saħħha pubblika u s-sikurezza alimentari, u spċifikament id-DĠ Ambjent, filwaqt li fl-istess ħin iżommu politika baġitarja responsabbi;
3. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2021, kompliet issib livell materjali ta' żball fl-oqsma tal-infiq tar-riżorsi naturali u ambjent", u jinnota wkoll li n-nefqa f'dawk l-oqsma hija soġġetta għal kundizzjonijiet u regoli ta' eliggħibbli kumplessi, u tiġbed l-attenzjoni għat-tip ta' żbalji li jistgħu jseħħu, li ħafna drabi jkunu jinvolvu beneficijari jew nefqa inelġibbli, żbalji amministrattivi u nuqqas li jiġu ssodisfati impenji agroambjentali;
4. Itenni bi tħassib qawwi li, skont l-awditu tal-prestazzjoni tal-Qorti dwar l-integrazzjoni tal-klima u tal-bijodiversità, il-Kummissjoni ma kkunsidratx b'mod suffiċjenti s-sovrapożżizzjonijiet eżistenti bejn l-għanijiet klimatiċi u tal-bijodiversità meta kkalkulat il-kontribut li sar mill-infiq annwali taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-objettivi tal-bijodiversità u ma rrappurtatx dwar id-duplikazzjonijiet eżistenti bejn l-għanijiet klimatiċi u tal-bijodiversità fid-dikjarazzjonijiet tal-programm jew fir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni tal-2021; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li mill-inqas 30 % tal-ammont totali tal-baġit tal-UE u n-nefqa tal-Instrument ta' Rkupru tal-UE jiġu allokat biex jappoġġjaw l-objettivi klimatiċi;

### *Ambjent u Azzjoni Klimatika*

5. Jinnota li fl-2021, il-baġit tad-DĠ Ambjent laħaq il-EUR 534 miljun f'approprazzjonijiet ta' impenn u l-EUR 440 miljun f'approprazzjonijiet ta' pagament u jiddispjaċi li minkejja t-talbiet ripetuti tal-Parlament, skont il-Pjanijiet ta' Stabbiliment tal-Kummissjoni, 397 post tax-xogħol permanenti u temporanju biss kienu previsti fl-1 ta' April 2021<sup>1</sup>; jirrimarka li l-approprazzjonijiet amministrati direttament mid-DĠ Ambjent kellhom rata ta' implantazzjoni ta' aktar minn 99 % fi tmiem is-sena;

<sup>1</sup> [https://commission.europa.eu/system/files/2021-06/db2022\\_wd\\_2\\_human\\_resources\\_web\\_0.pdf](https://commission.europa.eu/system/files/2021-06/db2022_wd_2_human_resources_web_0.pdf)

6. Jilqa' l-fatt li s-sehem tal-pagamenti eżegwiti mid-DG Ambjent li qabżu l-iskadenzi legali naqas ulterjorment fl-2021 (1,51 % meta mqabbel ma' 3,26 % fl-2020);
7. Jinnota r-Rapport Speċjali 21/2021<sup>2</sup> tal-Qorti u l-konklużjoni tagħha li jista' jsir aktar biex jiġi miġġieled il-qtugħi illegali tas-siġar għall-injam u jitjieb il-fokus tal-miżuri tal-forestrija għall-iżvilupp rurali fuq il-bijodiversità u t-tibdil fil-klima; jesprimi t-tħassib li hemm dgħufijiet fl-infurzar mill-Istati Membri tar-Regolament (UE) Nru 995/2010<sup>3</sup> u li spiss il-kontrolli effettivi jkunu neqsin, inkluż min-naħħa tal-Kummissjoni;
8. Jinnota li fl-2021, id-DG Azzjoni Klimatika ġġestixxa EUR 18,47-il miljun taħt it-titlu "Azzjoni klimatika" tal-baġit tal-Unjoni filwaqt li kien hemm EUR 3 698,50 miljun disponibbli għall-fond għall-innovazzjoni; jinnota wkoll li d-DG kellu 285 membru tal-persunal fi tmiem is-sena;
9. Jinnota li d-DG Azzjoni Klimatika u d-DG Baġit jimmonitorjaw il-mira ta' 20 % tal-integrazzjoni klimatika fil-QFP 2014-20 u li l-Kummissjoni tirrapporta li 20,15 % tal-baġit tal-Unjoni ntnefaq fuq attivitajiet relatati mal-klima matul dan il-perjodu; jinnota, barra minn hekk, li data preliminari turi li 32,5 % tal-baġit għall-2021 kienu ddedikati għall-azzjoni klimatika, f'konformità mal-pjanijiet tal-Fehim Interistituzzjonali biex mill-anqas 30 % tal-QFP 2021-27 jintużaw għal dan l-iskop;
10. Jinnota bi tħassib serju s-sejba tal-Qorti fir-Rapport Speċjali 09/2022<sup>4</sup>, li tgħid li l-infiq irrapprtata ma kienx dejjem rilevanti għall-azzjoni klimatika, li l-ammont irrapprtata bħala li ntnefaq għal dak l-iskop kien iddiċċarat b'mod eċċessiv b'mill-anqas EUR 72 biljun, u dan ifisser li madwar 13 % biss tal-baġit għall-perjodu 2014-2020 intnefaq għal skopijiet relatati mal-klima. Għaldaqstant jiddeplora li jista' jkun għad hemm problemi ta' affidabbiltà fir-rappurtar tal-Kummissjoni għall-perjodu 2021-2027;
11. Jissottolinja l-importanza ta' skrutinju xieraq tal-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE, u jżomm lill-Kummissjoni responsabbi għall-implimentazzjoni ta' metodoloġija robusta u affidabbli, f'konformità mal-impenji meħuda mill-ftehim tal-QFP u l-paragrafu 16d tal-FII tas-16 ta' Diċembru 2020;
12. Jistieden lill-Kummissjoni biex kull sena tipprovd lill-Parlament rapport li jispjega b'mod dettaljal il-kontribuzzjoni ta' kull partita baġitarja għall-miri tal-integrazzjoni klimatika u l-bijodiversità, sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tagħhom; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tirrapporta jekk kwalunkwe partita baġitarja naqsitx milli tirrispetta l-kriterju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" kif imsemmi fir-Regolament tat-Tassonomija;
13. Jiddispjaċih dwar is-sejba tal-Qorti, fir-Rapport Speċjali 16/2021 tagħha<sup>5</sup>, li l-finanzjament agrikolu tal-UE allokat għall-azzjoni klimatika ma kkontribwiex biex jitnaqqsu l-emissionijiet ta' gassijiet serra; jaqbel mal-fehma tal-Qorti li l-Politika

<sup>2</sup> Il-finanzjament tal-UE għall-bijodiversità u t-tibdil fil-klima fil-foresti tal-UE: riżultati pożittivi iżda limitati, l-4 ta' Ottubru 2021.

<sup>3</sup> Ir-Regolament (EU) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23).

<sup>4</sup> L-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020 – Muwiex għoli daqskemm ġie rrappurtat, 30 ta' Mejju 2022.

<sup>5</sup> Il-Politika Agrikola Komuni u l-klima – Nofs l-infiq tal-UE fuq il-klima iżda l-emissionijiet mill-azjendi agrikoli mhumiex qed jonqsu, 21 ta' Ġunju 2021.

Agrikola Komuni l-ġdida għandha tiffoka aktar fuq it-naqqis tal-emissionijiet agrikoli, u tkun aktar responsabbi u transparenti dwar il-kontribut tagħha għall-mitigazzjoni klimatika; itenni bi tħassib qawwi li l-Qorti kkonkludiet li l-ammont ta' EUR 17,2- il biljun irrapportat mill-Kummissjoni għall-kontribuzzjoni tal-PAK għall-objettivi tal-klima u tal-bijodiversità huwa ddikjarat b'mod eċċessiv b'EUR 8,9 biljun;

14. Itenni t-tħassib qawwi tiegħu li r-riżerva għal raġunijiet ta' reputazzjoni, legali, finanzjarji u istituzzjonali relatata ma' riskji sinifikanti għas-sigurtà identifikati fiż-żamma u l-operazzjoni tas-sistema tar-Reġistru tal-Unjoni tal-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet, kif irrapportat fir-RAA mill-2010, hija ripetuta fir-RAA tad-DG Azzjoni Klimatika għall-2021;

#### *Saħħa pubblika, sikurezza alimentari, saħħa u benessri tal-annimali u saħħa tal-pjanti*

15. Jenfasizza r-rwol li d-DG Saħħa u Sikurezza Alimentari kellu biex jiżgura r-rispons koordinat għall-pandemija tal-COVID-19 fl-Istati Membri kollha matul l-2021; jirrikonoxxi l-ħidma fuq il-ħolqien ta' Unjoni Ewropea tas-Saħħa, b'passi deċiżivi lejn l-adozzjoni ta' mandati ġodda għall-EMA u l-ECDC u l-ħolqien tal-HERA; jagħraf id-distribuzzjoni b'suċċess fil-qasam tal-Apparati Medici u fil-Valutazzjoni tat-Teknoloġija tas-Saħħa, u l-progress fil-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleg il-Kanċer;
16. Jiddispjaċiħ li minkejja talbiet ripetuti mill-Kumitat BUDG, CONT u ENVI, il-Kummissjoni għadha ma pprovdietx it-tqassim dettaljat tal-ammonti ta' pagamenti parżjali u sussidji oħra mħallsa mill-Unjoni lil kull kumpanija farmaċewtika involuta fl-iżvilupp tal-vaċċini kontra l-COVID-19; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmi trasparenti għat-traċċabbiltà tal-investiment pubbliku tal-UE; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tibda tiċċekkja r-regolarità tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' xiri bil-quddiem (APAs) u l-ftehimiet ta' xiri (AP) tal-vaċċini fl-2023 u mhux lejn l-aħħar tal-2024, kif previst bħalissa;
17. Jinnota li fl-2021 id-DG SANTE kien responsabbi għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Instrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza (ESI) u li sa tmiem l-2021 id-DG SANTE alloka aktar minn EUR 2,55 biljun bħala pagamenti parżjali lill-manifatturi tal-vaċċini fil-kuntest tal-akkwist tal-vaċċini kontra l-COVID-19; jinnota bi tħassib li abbażi tal-awditu tal-Qorti tal-2021, il-Kummissjoni ma vverifikatx b'mod adegwat jekk it-termini finanzjarji tal-ftehimiet ta' xiri bil-quddiem tagħha mal-manifatturi tad-dożi tal-vaċċini kontra l-COVID-19 kinuxx ġew rispettati għall-pagamenti lill-kuntratturi;
18. Jiddeplora l-fatt li skont ir-Rapport Speċjali Nru 19/2022 tal-QEA<sup>6</sup>, it-tim tan-neozjati konġunti tal-UE ma kienx involut fin-neozjati preliminari, sal-lum, tal-akbar ftelim ta' xiri ta' vaċċini (1,8 biljun doża) ma' Pfizer; jinnota bi tħassib li l-elementi essenzjali kollha tal-ftehim ippreżzentat lill-bord ta' tmexxija fid-9 ta' April 2021 ġew miftiehma matul in-neozjati preliminari bejn il-manifattur u l-President tal-Kummissjoni;
19. Jinnota li, fl-2021, il-baġit tad-DG Saħħa u Sikurezza Alimentari fl-oqsma ta' politika tiegħu ammonta għal EUR 1 162,42 miljun u kellu 774 membru tal-persunal; jirrimarka li r-rati ta' implementazzjoni tal-impenji u tal-pagamenti laħqu 65,84 % u 63,51 %,

<sup>6</sup> L-akkwist ta' vaċċini kontra l-COVID-19 fl-UE - Ġew iggarantiti dożi suffiċjenti wara l-isfidi inizjali, iżda l-prestazzjoni tal-proċess ma ġietx ivvalutata b'mod suffiċjenti, 12 ta' Settembru 2022.

rispettivamente;

20. Jinnota li, fl-2021, id-DG Saħħa u Sikurezza Alimentari ppreżenta rata medja tal-iżball residwu ta' 0,5 %, li hija taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %;
21. Jinnota l-fatt li l-perċentwal ta' pagamenti f'ammont relatati mal-ġestjoni tal-ġhotjiet li kienu saru fil-ħin mid-DG Saħħa u Sikurezza Alimentari fl-2021 naqas għal 86 % (2020 95 %) u li dan kien taħt il-mira ta' 95 %;

#### ***Awtorità għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħha (HERA)***

22. Jinnota li l-HERA kienet stabbilita bħala servizz intern tal-Kummissjoni fl-1 ta' Ottubru 2021, u li l-missjoni tagħha hija li tappoġġja l-prioritajiet tal-Kummissjoni għas-saħħha pubblika, it-tħejjija u l-immaniġġar ta' kriżijiet fis-setturi tas-saħħha, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-industrija; jinnota li r-Regolament dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħha<sup>7</sup> jirrikjedi li sal-31 ta' Diċembru 2024 il-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa li l-HERA tīgħi stabbilita bħala entità distinta, filwaqt li jitqiesu l-aġenziji jew l-awtoritajiet rilevanti attivi fil-qasam tat-tħejjija u r-rispons għas-saħħha;
23. Jiddispjaċiħ li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament tal-HERA kienet tiddependi ħafna fuq il-Programm EU4Health, u naqqset il-baġit tagħha b'aktar minnofs b'kontribuzzjoni EU4Health ta' EUR 2 795 biljun għall-HERA bejn l-2021 u l-2027); jinnota bi tħassib li tali tnaqqis affettwa l-kapaċită ta' finanzjament ambizzjuż tal-EU4Health ta' attivitajiet oħra kif previst mir-Regolament (UE) 2021/522, inkluż it-tqegħid friskju ta' azzjonijiet taħt il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleg il-Kanċer u l-appoġġ meħtieġ għall-ħolqien tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħha; jiddeplora l-fatt li billi assenjat ammonti sinifikanti bħal dawn lill-HERA, il-Kummissjoni kisret il-limiti massimi ta' finanzjament maqbula għall-inf iq minnu u massimu stabbilit fir-Regolament EU4Health;
24. Jinnota l-kollaborazzjoni mill-qrib tal-uffiċċiali tal-Kummissjoni u l-industrija fi ħdan l-attivitajiet tal-HERA; jitlob li jiġu stabbiliti regoli b'saħħiħom dwar it-trasprenza u l-kunflitt ta' interessa biex tīgħi żgurata l-fiduċja tal-pubbliku fl-HERA u l-indipendenza kummerċjali tagħha;
25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tapplika livell għoli ta' trasparenza għall-attivitajiet ta' akkwist konġunt attwali u futuri kollha u għall-ftyehimiet ta' xiri relatati fil-qasam tas-saħħha; jinsisti li d-DG rilevanti għandhom jistabbilixxu qafas tal-akkwist pubbliku tal-UE solidu u transparenti, meta jkunu involuti b'mod sħiħ jew parżjali fondi mill-baġit tal-UE, li jippermetti skrutinju komprensiv mill-Parlament, speċjalment fir-rigward ta' oqsma ta' nfiq ewlenin relatati ma' kriżi tas-saħħha; f'konformità mal-interessa pubbliku prevalent ddikjarat fir-Regolament 1049/2001 u l-ħtieġa li tīgħi żgurata l-fiduċja tal-pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel kompletement disponibbli l-ftyehimiet ta' xiri (avvanzati) tal-vaċċini konklużi kollha għall-COVID-19;
26. Huwa tal-opinjoni, abbażi tad-data disponibbli u tar-rapport ta' implementazzjoni, li tista' tingħata l-kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward tal-inf iq fl-oqsma tal-politika

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħha u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE, ĠU L 293, 6.12.2022, p. 26.

ambjentali u klimatika, is-sahħha pubblika u s-sikurezza alimentari għas-sena finanzjarja 2021.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	9.2.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 62 - : 13 0 : 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mathilde Androuët, Traian Băsescu, Aurélia Beigneux, Hildegard Bentele, Alexander Bernhuber, Michael Bloss, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Bas Eickhout, Cyrus Engerer, Agnès Evren, Hélène Fritzon, Malte Gallée, Andreas Glück, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Anja Hazekamp, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Jan Huitema, Petros Kokkalis, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Peter Liese, César Luena, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Tilly Metz, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Ljudmila Novak, Jutta Paulus, Stanislav Polčák, Erik Poulsen, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Christine Schneider, Ivan Vilibor Sinčić, Maria Spyrali, Véronique Trillet-Lenoir, Achille Variati, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	João Albuquerque, Eric Andrieu, Nicolás González Casares, Robert Hajsel, Billy Kelleher, Ska Keller, Sara Matthieu, Sirpa Pietikäinen, Manuela Ripa, Robert Roos, Massimiliano Salini, Christel Schaldemose, Sarah Wiener, Jadwiga Wiśniewska
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Karolin Braunsberger-Reinhold, Clare Daly, Ilan De Basso, Jarosław Duda, Niclas Herbst, Beata Kempa, Karsten Lucke, Johan Nissinen, Jörgen Warborn

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>62</b>	<b>+</b>
PPE	Traian Băsescu, Hildegard Bentele, Alexander Bernhuber, Nathalie Colin-Oesterlé, Jarosław Duda, Agnès Evren, Niclas Herbst, Ewa Kopacz, Peter Liese, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Dolores Montserrat, Ljudmila Novak, Sirpa Pietikäinen, Stanislav Polčák, Massimiliano Salini, Christine Schneider, Maria Spyrali, Jörgen Warborn, Pernille Weiss
Renew	Pascal Canfin, Andreas Glück, Martin Hojsík, Jan Huitema, Billy Kelleher, Erik Poulsen, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Véronique Trillet-Lenoir, Emma Wiesner, Michal Wiezik
S&D	João Albuquerque, Eric Andrieu, Delara Burkhardt, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Ilan De Basso, Cyrus Engerer, Hélène Fritzon, Nicolás González Casares, Robert Hajšel, Karsten Lucke, César Luena, Sándor Rónai, Christel Schaldemose, Achille Variati, Petar Vitanov, Tiemo Wölken
The Left	Clare Daly, Anja Hazekamp, Petros Kokkalis, Silvia Modig
Verts/ALE	Michael Bloss, Bas Eickhout, Malte Gallée, Pär Holmgren, Ska Keller, Sara Mattieu, Tilly Metz, Jutta Paulus, Manuela Ripa, Sarah Wiener

<b>13</b>	<b>-</b>
ECR	Beata Kempa, Joanna Kopcińska, Johan Nissinen, Robert Roos, Alexandr Vondra, Jadwiga Wiśniewska, Anna Zalewska
ID	Mathilde Androuët, Aurélia Beigneux, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen
NI	Ivan Vilibor Sinčić
PPE	Karolin Braunsberger-Reinhold

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni